

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Croatia](#)

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Il-Kroazja

Il-Kroazja



Il-qrati speċjalizzati huma l-qrati kummerċjali (*trgovački sudovi*) u l-qrati amministrattivi (*upravni sudovi*) bħala l-qrati tal-ewwel istanza, u l-Qorti Għolja għal Reati Minuri tar-Repubblika tal-Kroazja tal-Kroazja (*Visoki prekršajni sud Republike Hrvatske*), l-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki trgovački sud Republike Hrvatske*) u l-Qorti Amministrattiva Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki upravni sud Republike Hrvatske*) huma l-qrati tat-tieni istanza.

Rigward il-ġuriżdizzjoni tagħhom:

Il-qrati kummerċjali

Hemm disa' qrati kummerċjali fir-Repubblika tal-Kroazja (ta' Zagreb, Split, Rijeka, Osijek, Bjelovar, Varaždin, Zadar, Pazin, Dubrovnik):

li:

1. jiddeċiedu dwar kwistjonijiet kontenzjużi u kwistjonijiet mhux kontenzjużi meta preskritti b'liġi speċifika;
2. jaġixxu fi kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni u jżommu r-reġistri tal-qorti;
3. jiddeċiedu dwar applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif, l-operat u l-għeluq ta' kumpanija;
4. jiddeċiedu dwar proposti biex jitnedew proċedimenti ta' falliment u jwettqu proċedimenti ta' qabel il-falliment u ta' falliment;
5. jiddeċiedu dwar l-entrati fir-Reġistru tal-Bastimenti u l-Jottijiet f'dawk il-kwistjonijiet li skont il-Kodiċi Marittimu jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati kummerċjali, dwar il-limitazzjonijiet tar-responsabbiltajiet tas-sidien tal-bastimenti u l-ilmenti kontra d-deċiżjonijiet aħħarija dwar il-likwidazzjoni permezz tar-responsabbiltà proporzjonali, dejjem jekk il-liġi ma tipprevedix xort'oħra għal xi każ partikolari;
6. iwettqu proċeduri għar-rikonoxximent ta' sentenzi tal-qrati barranin, kif ukoll ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ f'tilwim kummerċjali;
7. iżommu l-provi għall-proċedimenti li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom;
8. jimponu miżuri protettivi fi proċedimenti u f'dawk il-proċedimenti li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom;
9. jagħtu assistenza legali internazzjonali fil-ġbir tal-provi fi kwistjonijiet kummerċjali;
10. iwettqu obbligi oħra stipulati mil-liġi.

[Il-Qrati Kummerċjali fir-Repubblika tal-Kroazja](#)

Il-qrati amministrattivi

Hemm erba' qrati amministrattivi fir-Repubblika tal-Kroazja, f'Zagreb, fi Split, f'Rijeka u f'Osijek, li:

1. jiddeċiedu dwar rikorsi meħuda kontra deċiżjonijiet individwali ta' korpi rregolati bil-liġi pubblika;
2. jiddeċiedu dwar rikorsi meħuda kontra l-azzjonijiet ta' korpi rregolati bil-liġi pubblika;
3. jiddeċiedu dwar rikorsi meta ma jiġux adottati deċiżjonijiet individwali jew meta parti minn korp irregolat mil-liġi pubblika ma jaġixxix sal-iskadenza statutorja;
4. jiddeċiedu dwar rikorsi li jittieħdu kontra ftehimiet amministrattivi u l-eżekuzzjoni ta' ftehimiet amministrattivi;

5. jiddeċiedu f'każijiet oħra preskritti mil-liġi.

Il-Qrati Amministrattivi fir-Repubblika tal-Kroazja

Il-Qorti Għolja għal Reati Minuri tar-Repubblika tal-Kroazja

1. tiddeċiedi dwar rimedji legali ordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qrati muniċipali f'każijiet ta' reati minuri u deċiżjonijiet ta' korpi rregolati bil-liġi pubblika li jwettqu proċedimenti ta' ksur tal-ewwel istanza meta preskritti b'liġi speċifika;
2. tiddeċiedi dwar tilwim ġuriżdizzjonali bejn qrati muniċipali f'każijiet ta' reati minuri;
3. tiddeċiedi dwar rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet finali u vinkolanti li għandhom x'jaqsmu ma' xi reat minuri, meta preskritti b'liġi speċifika;
4. tiddeċiedi dwar appelli f'każijiet ta' koperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali mal-Istati Membri tal-UE fi kwistjonijiet ta' reati minuri taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom;
5. tissorvelja l-imġiba ordnata tal-imħallfin li jkunu qed jaħdmu fuq każijiet ta' reati żgħar;
6. twettaq obbligi oħra stipulati mil-liġi.

Il-Qorti Għolja għal Reati Minuri tar-Repubblika tal-Kroazja
Ulica Augusta Šenoje 30
10 000 Zagreb

Tel.: +385 1 480 75 10
Faks: +385 1 461 12 91

Posta elettronika: predsjednik@vpsrh.pravosudje.hr
<http://sudovi.pravosudje.hr/VPSRH/>

Il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja

1. tiddeċiedi dwra appelli kontra sentenzi tal-qrati kummerċjali;
2. tiddeċiedi dwar tilwim li għandu x'jaqssam mal-ġuriżdizzjoni territorjali bejn il-qrati kummerċjali kif ukoll tiddeċiedi dwar it-trasferiment tal-ġuriżdizzjoni lill-qrati kummerċjali;
3. twettaq obbligi oħra stipulati mil-liġi.

Il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja
Berislavićeva 11
10 000 Zagreb

Tel.: +385 1 489 68 88
Faks: +385 1 487 23 29

<http://www.vtsrh.hr/>

Il-Qorti Amministrattiva Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja

1. tiddeċiedi dwar appelli kontra sentenzi tal-qrati amministrattivi u sentenzi li jistgħu jiġu appellati;
2. tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti ġenerali;
3. tiddeċiedi dwar tilwim li jirrigwarda l-ġuriżdizzjoni bejn il-qrati amministrattivi;
4. tiddeċiedi f'każijiet oħra preskritti mil-liġi.

Il-Qorti Amministrattiva Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja
Frankopanska 16
10 000 Zagreb

Tel.: +385 1 480 78 00
Faks: +385 1 480 79 28

<http://www.upravnisudrh.hr/>

■ L-aħħar aġġornament: 20/05/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.